MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 615/2011

**Ronald Lautier**
**ID-476166(M)**

**vs**

**Josephine Lautier**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt tat-13 ta' Settembru, 2010 fl-atti tan-Nutar Reuben Debono u skond dak il-kuntratt il-partijiet kellhom jaqsmu l-ispejjez edukattivi flimkien; illi t-tifel tal-partijiet Darren li ghandu 14-il sena jattendi l-iskola ta' St Patricks' u jghix mal-esponenti missieru; illi l-esponenti missieru dahal fi spejjez ta' natura edukattiva skond l-anness dokument A; illi l-kontroparti meta mitluba thallas sehemha semplicement injorat it-talba; ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jghogbu jikkundanna lill-kontroparti thallas is-somma ta' mija tmienja u sebghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu

(€178.22c) oltre l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u l-imghax legali sad-data ta’ pagament effettiv konsistenti fil-flus li l-kontroparti intimata kellha thallas bhala sehemha mill-ispejjez edukattivi ta’ Darren.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ mija tmienja u sebghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€178.22c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------